MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 418/1981/1

**A B sive B C**
**Vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-imsemmija D C irrendiet ruhha hatja kontra zewgha ta' sevizzi, minacci, accessi, ingurji gravi u adulterju b'mod li irrendiet impossibli l-hajja konjugali ta' bejniethom.

Peress illi ghalkemm ripetutament giet mitluba thalli l-kumpanija ta' persuna li tiffrekwentaha kwazi l-gurnata kollha, baqghet tinsisti anke wara twissijiet minn diversi persuni.

Peress illi sahansitra ikkostringiet lill-attur jaghlaq l-Imsierah Pharmacy billi bdiet tfixklu fil-gestjoni taghha u b' hekk waqaf il-mezz ewlieni ta' profit ghal familja.

Tghid il-konvenuta, ghaliex in vista tal-premess:

1. Ma ghandhiex tigi ppronunzjata minn dina l-Qorti s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba nuqqasijiet imputabbli ghall-konvenuta u li jaghtu lok ghal separazzjoni personali;

2. Ma ghandiex il-kustodja taz-zewg ulied minuri ta' E ta' tlettax u ta' F ta' disa' snin, tigi fdata f' idejn l-attur;
3. Ma ghandux jigi dikjarat u deciz minn dina l-Qorti li l-konvenuta iddekadiet u tilfet id-dritt ghall-alimenti;

4. M' ghandhomx jigu applikati kontra l-konvenuta d-disposizzjonijiet tal-artikoli 56, 57 u 64 tal-Kodici Civili , interament jew in parti u dan sa fejn applikabbli ghall-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' imharrka ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

Illi t-talbiet tal-attur huma infondati ghaliex mhux veru illi hija rrendiet ruhha hatja kontra tieghu ta' sevizzi, minacci, eccessi, ingurji gravi u iktar u iktar adulterju u ghalhekk ghandhom jigu respinti.

Rat il-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti li biha ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-hajja konjugali tal-partijiet giet reza mpossibli minhabba l-egoizmu kbir tal-attur, tendenzi ghall-vizzji, indifferenza lejn l-esponenti martu u anki meta, bhala konsegwenza tal-agir tieghu, din kienet mardet.

2. L-inkwiet serju bejn il-kontendenti beda meta l-esponenti ndunat illi zewgha qieghed juri hbiberija u interess zejjed f' mara li kienet impjegata tieghu fl-

ispizerija tal-kontendenti. Dan l-inkwiet kiber iktar meta l-esponenti bdiet tmur fl-ispizerija, li hi llicenzjata f' isimha, u taghti daqqa t' ghajn x' qed isir u ma jsirx.

3. L-attur ma riedx joqghod ghal din is-sorveljanza iktar u iktar ghax qabel kien imdorri jaghmel li jrid, u beda jaqla' hafna ilmenti fosthom illi hija ghandha hbiberija zejda ma' mara ohra.

4. L-esponenti vera tghozz u tistma il-hbiberija ta' din il-persuna u il-familja taghha li dejjem sabithom u ghadha ssibhom ta' ghajnuna u konfort fil-gwaj li ghaddiet minnu tul iz-zwieg mal-attur; imma l-hbiberija taghha ma' din il-mara mhux fis-sens pervert u ingurjuz illi qed itih l-attur. L-attur wara li ghal zmien twil approva din il-hbiberija, u bhala tpattija ghas-sorveljanza li bdiet taghmel l-esponenti u speci ta' vendikazzjoni, beda jinsisti li din il-hbiberija tintemm. Pero' meta l-esponenti offriet lill-attur li hija disposta li ma tibqax hbieb ma' din il-mara purche' huwa jillicenzja l-impjegata tal-ispizerija, l-attur ma riedx.

5. L-attur ukoll dejjem fittex il-kumpanija tal-hbieb milli tal-esponenti u bosta drabi refa' idu fuq l-esponenti.

6. L-attur ukoll ilu ma jipprovdi manteniment ghall-esponenti u z-zewg ulied ghal dawn l-ahhar xhur li ghalih qishom ma jezistux.

Dan premess jghid l-attur ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:-

(a) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghall-htijiet imputabbli lill-attur;

(b) Ma ghandiex il-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri, E u F ta' tlettax u disa' snin rispettivament, tigi fdata f' idejn ommhom il-konvenuta.

(c) Ma ghandhiex tikkundanna lill-attur ihallas retta alimentarja lill-konvenuta u imsemmijin uliedha minorenni fil-hin, lok u jum li jigu stabbiliti minn din il-Qorti;

(d) Ma ghandiex tikkundanna lill-attur jirritorna lill-konvenuta l-effett dotali u parafernali taghha u li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(e) Ma ghandhiex tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti ga ezistenti bejn l-attur u l-konvenuta;

(f) Ma ghandhiex tillikwida din il-komunjoni tal-akkwisti billi tigi ddikjarata li tikkonsisti fil-gid u effetti li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(g) Ma ghandhiex tiddividi il-gid hekk likwidat f' zewg porzjonijiet ugwali li wiehed jigi assenjat lill-attur u l-iehor lill-konvenuta;

(h) Ma ghandhomx jigu applikati kontra l-attur id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 56 u 58 tal-Kodici Civili dan sa fejn hu applikabbli.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-istat li waslu fih ir-relazzjonijiet konjugali bejniet il-kontendenti.

Illi huwa dejjem irrispetta f' kull sens u b'kull mod lil martu u dejjem kompla maghha bl-izjed mod assolut.

Illi l-inkwiet gie minhabba ir-relazzjoni li hi ghandha ma' certa Doris Scerri Worley, liema relazzjoni qatt ma setghet taqtaghha ghalkemm mitluba biex taghmel dan mhux biss minn zewgha, izda ukoll mill-genituri taghha, mill-Kappillan, minn sacerdoti u anke minn avukat li mhux qed jippatrocina lil ebda parti f' din il-kawza.

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit legali l-Avukat Dottor BMicallef Strafrace minnu debitament mahlufa;[1]

[1] Fols.475 *et seq*. u fols.840 *et seq*.

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-Psikjatra Dottor BC minnu debitament mahlufa;[2]

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta’ Lulju 1990 li permezz taghha gew decizi l-ewwel talba ta’ l-attur u l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenuta, filwaqt li osservat li t-tieni talba tinsab ezawrita;[3]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tas-sentenza precitata din il-Qorti laqghet l-ewwel talba attrici u rrispengiet l-eccezzjonijiet u l-kontro talba tal-konvenuta dwar ir-responsabbilita’ u ppronunzjat “is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuta konsistenti maggjorment f’ eccessi, mohqrija u offizi gravi da parti taghha minghajr il-kwalifika ta’ l-adulterju” bl-ispejjez ta’ din id-domanda a kariku tal-konvenuta; u rrizervat li tipprovdi dwar il-kumplament tat-talbiet fi stadju ulterjui, wara li wkoll osservat li t-tieni domanda ta’ l-attur tinsab ezawrita stante li ulied il-kontendenti lahqu saru maggjonrenni.

Illi ghalhekk wara dan il-gudizzju baqa’ ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti l-aspett patrimonjali tal-kawza u kwistjoni dwar il-manteniment u t-talba ghad-dekadenza a tenur ta’ l-Artikoli 56, 57, 58 u 64, illum 48,49,50 u 55 tal-Kap.16.

Illi bl-ghajnuna ta’ l-abbli perit legali Dottor BMicallef Stafrace, u tad-difensuri ta’ dak iz-zmien, il-partijiet, fis-seduta peritali tat-30 ta’ Jannar 2004, waslu ghall-ftehim

[2] Fols.918 *et seq.*
[3] Fols.561 *et seq.*

indikat fil-paragrafu ghaxra [10][4] tar-relazzjoni addizzjonali ghat-tieni relazzjoni u li ghaliha qeda ssir referenza b' mod integrali. Skond dan il-ftehim il-partijiet qabblu hekk:

[1] “li kull parti zzomm dak kollu li ghandha u jista' jkollha f' idejha bhala appartenenti l-kommunjoni ta' l-akkwisti jew bhala beni parafernali u kull parti tiddikjara li ma ghandha ebda pretensjoni fuq il-parti l-ohra fir-rigward.”

[2] li “kull parti ghandha d-dritt li tibqa' tirrisjedi fid-dar konjugali, jigifieri, Mehriez, Sant' Andrea Estate, San Gwann, sal mewt taghha.”

[3] li “id-dar konjugali msemmija hi propreta' nofs be' nofs bejn il-partijiet b' dan illi wara l-mewt ta' l-attur BA C, minn sehmu mid-dar konjugali tigi prelevata s-somma ta' sitt elef lira maltin [Lm6,000] li tmur ghaz-zewg ulied tal-kontendenti u dana ndependentement minn kif jiddisponi BA C mill-gid tieghu ghal wara mewtu. Din is-somma ta' Lm6,000 tirrapprezenta l-ammont li l-konvenuta D C tippretendi li gabet bhala dota.”[5]
[4] li “apparti dan kull parti tiddikjara li ma jkollha ebda dritt ereditarju jew xort' ohra, wahda fuq l-ohra u dna b' effett mill-jum li jidhol fis-sehh dal-ftehim b' sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili fl-atti tal-presenti kawza.”

Illi rigward il-manteniment pretiz mill-konvenuta, il-partijiet fl-istess seduta peritali ddikjaraw hekk:

“Il-partijiet jaqblu li l-attur jissomministra lil martu Lm15 fil-gimgha b' dana li l-konvenuta ssostni li l-ispejjez ta' l-ilma, dawl u cens ikunu kollha a kariku ta' l-attur, u l-attur isostni fuq [bazi] 50:50”

Illi mill-premess, bazat fuq dak dikjarat mill-partijiet fl-istess seduta peritali, jirrizulta car li huma qabblu kwazi fuq l-aspetti kollha ta' natura patrimonjali, inkluz il-quantum ta' Lm6,000 rapprezentanti il-valur tad-dota dovuta lill-konvenuta. Dwar dan il-punt ma kien hemm

---

[4] pagna 5 fol.845
[5] Sottolinear tal-Qorti

ebda diffikulta' tant li l-partijiet ftehmu wkoll kif ghandhu jithallas dan l-ammont, u meta. L-istess jinghad dwar il-proprjeta' parafernali tal-partijiet. Di fatti fl-ewwel klawsola l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghall-pretensjonijiet taghhom f' dan ir-rigward.

Jidher li l-uniku punt li baqa' pendenti ghal gudizzju tal-perit legali u eventwalment ta' din il-Qorti huwa l-manteniment dovut kundizzjonat minn kif jigu spartiti l-ispejjez ta' l-ilma, dawl u c-cens tad-dar. Huwa fuq dan il-punt biss li l-partijiet ma' lahqux ftehim; u l-perit legali wasal ghal konkluzjoni ghaqlija fic-cirkostanzi li jikkonkludi li, filwaqt li l-attur ikun obbligat jissoministra lill-konvenuta manteniment fis-somma ta' Lm15 fil-gimgha, l-imsemmija spejjez ghandhom jithallsu miz-zewg partijiet bin-nofs.

Il-Qorti tosserva in vena legali li dak li ftehmu l-partijiet bejniethom ghandu jorbothom sakemm il-ftehim ma jigix alterat jew revokat miz-zewg partijiet. Ghaldaqstant, salv ghal prova kuntrarja, il-Qorti hi tal-fehma li tkun gustifikata legalment li fil-gudizzju taghha tinkorpora dak li l-partijiet qabblu bejniethom. Din l-osservazzjoni hija opportuna fl-isfond tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta fejn, kuntrarjament ghal dak li kienu ftehmu l-kontendenti, fuq l-quantum tal-pretensjoni dwar il-proprjeta' dotali taghha, din qeda tippretendi somma superjuri ghal dik accettata minnha. In propositu l-Qorti tosserva li fil-ftehim milhuq bejn il-partijet ma kien hemm ebda riserva dwar dan l-aspett, u ghalhekk mhux legalment valida l-pretensjoni tal-konvenuta sollevata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, proprju fil-konkluzjoni ta' dan il-process li jirrisali ghad-19 ta' April 1981 li tipprova taltera unilateralment dak li kienet qabblet mieghu fl-imsemmija seduta peritali.

Il-Qorti tosserva li l-unika alterazzjoni li saret ghall-imsemmi ftehim tirrigwarda d-dar konjugali <u>biss u xejn aktar.</u> In propositu jigi osserva li permezz ta' <u>nota kongunta</u> prezentata fis-7 ta' Novembru 2006 il-partijiet qabblu li d-dar konjugali tinbigh bil-prezz ta' Lm145,000 – “u inoltre jaqblu li r-rikavat tal-bejgh ghandu jifforma parti mill-beni matrimonjali skond kif jirrizulta mill-provi, u liema

rikavat ghandu jigi diviz kif dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tidderigi fis-sentenza taghha."[6]
Dan ifisser li dak li l-partijiet qabblu li ghandu jigi alterat mill-ftehim hija biss l-klawsola numru tnejn [2] li kienet taghati d-dritt lill-kontendenti jibqghu jirrisjedi fid-dar konjugali vita natural durante. Ma ssemma xejn dwar l-ammont ta' Lm6,000 mifthiehm bejn il-partijiet, u ma saret ebda referenza ghal pretensjoni konvenuta f' dan ir-rigward.

Illi rigward il-pretensjoni sussegwenti da parti tal-konvenuta ghall-ammont superijuri rappresentanti dota u proprjeta' parafernali, il-Qorti tikkonsidera opportun is-segwenti osservazzjonijiet li jimmilitaw kontra s-success ta' tali pretensjoni mressqa f' dan l-istadju wara l-ftehim raggjunt:

[1] Illi l-abbozzi prezentati mill-perit legali u li sar qbil fuqhom mill-partijiet kienu intizi sabiex jikkonkludu l-pendenzi kollha li kien ghad fadal bejn il-partijiet. Dan jirrizulta car mill-verbal registrat mill-partijiet fis-seduta peritali ta' l-4 ta' Dicembru 2003 li testwalment jaqra hekk:

"Il-partijiet jawtorizzaw lill-perit legali li assolutament bla pregudizzju jipproponi kif il-partijiet ghandhom jittransigu l-kawza dwar il-bqija li fadal[7] tal-beni tal-partijiet."[8]

In-natura konklussiva tal-ftehim raggjunt tirrizulta wkoll mix-xhieda tal-perit legali li, in eskussjoni, u fuq d-domanda "Inti ma hadtx into consideration illi kellha aktar assi 'parafernali' [sic] l-klijenta minn Lm6,000 ?" il-perit legali rrisponda hekk: "Jiena, il-partijiet qabblu li dak huwa l-ammont li permezz tieghu kienu ser jirrangaw, u mxejt fuq dan l-ammont, ma dhaltx aktar jien.?"[9]

[2] Illi l-affidavit tal-konvenuta li jinsab a fol.718 tal-process u li fih il-konvenuta elenkat l-assi dotali u parafernali taghha, kien gie prezentat qabel ma l-partijiet accettaw il-

---

[6] fol.942
[7] Sottolinear ta' din il-Qorti
[8] Fol.850
[9] Fols.911 u 912

ftehim precitat li kien intiz sabiex jikkonkludi l-vertenzi kollha li kien ghad fadal bejn il-partijiet. Inoltre, il-konvenuta waqt is-seduta li fiha ntlahaq il-ftehim kienet assistita mill-konsulent legali taghha – u ghalhekk zgur ma kienx il-kaz li dak kontenut fl-affidavit taghha kien gie maqbuz b’ disvista; ir-realta’ hi li l-partijiet li kienu ilhom f’ dan il-litigju gudizzjarju mis-sena 1981 riedu li jikkonkludu l-kaz taghhom u ghalhekk hija verosimili l-konkluzjoni li l-konvenuta fi spirtu ta’ kompromess u transazzjoni ma kienitx insistiet fuq l-ammont kollu tal-valur tal-proprjeta’ parafernali taghha;

[3] Illi l-ispirtu ravvizat fil-paragrafu precedenti, jinsab inkorporat fl-ewwel paragrafu tal-ftehim li, fi kliem ordinarju jfisser, li kulhadd jibqa’ li ha u bli ghandu, inkluzi l-beni parafernali, u li l-partijiet rrinunzjaw reciprokament ghal kull pretensjoni f’dan ir-rigward, salv ir-riserva li saret fil-klawsola numru tlieta [3];

Ili rigward il-pretensjoni tal-konvenuta ghall-hlas ta’ manteniment lilha mill-attur, il-Qorti kif gja osservat, tikkonsidera ghaqlija d-decizjoni tal-perit legali, li fuq dak dikjara mill-partijiet, iffissa s-somma fl-ammont ta’ Lm15 fil-gimgha, filwaqt li l-ispejjez fuq indikati, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet sakemm tinbigh id-dar matrimonjali.
In propositu ghal manteniment li l-attur accetta li jaghti lill-konvenuta, din il-Qorti, wara li qrat il-process voluminuz ta’ xhieda u relazzjonijiet, u tenut kont ukoll tal-konkluzjoni raggjunta minn din il-Qorti, diversament presjeduta, dwar ir-responsabbilita’ ghas-separazzjoni personali fejn sabet li din kienet unikament imputabbli unikament lill-istess konvenuta in bazi offiza gravi, zgur li l-konvenuta m’ ghandhiex tilmenta dwar l-imsemmi ammont, anke tenut kont ta’ l-introitu limitat ta’ l-attur illum; u ghalhekk il-pretensjoni taghha ta’ nofs il-pensjoni ta’ l-attur hija fiergha.

Hija opportuna l-osservazzjoni f’ dan ir-rigward, li l-offiza rekata mill-konvenuta lill-attur, tenut kont tal-gravita’ taghha u tad-durata taghha, li bla dubju ta’ xejn impediet b’ mod l-aktar manifest milli l-koppja jkollu hajja mizzewwga normali, kienet fil-fehma tal-Qorti tirrendi

gusta u opportuna l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 48[1][d] tal-Kap.16 fil-konfront taghha – li kieku l-partijiet ma lahqux ftehim fuq dan l-aspett.

Illi rigward l-ispejjez tal-kawza, il-Qorti tosserva li l-attur ghandu jbati parti mill-ispejjez sabiex jirrifletti n-nuqqas tieghu li jipprova l-adulterju imputat lill-konvenuta minnu.

Illi in fine tosserva li t-talba ghan-nomina ta’ espert psikjatra maghmula mill-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur, irrizultat li kienet fiergha u kwazi vessatorju, kif jirrizulta mill-konkluzjoni ta’ l-espert, u ghalhekk, tenut kont li din serviet biss biex kkomplikat l-affarijiet billi qajjmet aktar antagonizmu bejn il-partijiet wara li dawn kien lahqu ftehim, u serviet biex ttawwal[10] il-proceduri l-imposizzjoni tal-penali fit-termini ta’ Para.10 Skeda A Kap.12 hija opportuna.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar il-kumplament tat-talbiet attrici billi: tastjeni milli tiehu konjzzjoni tat-tielet [3] talba stante ftehim bejn il-partijiet; u tastjeni milli tipprovdi dwar ir-raba [4] talba stante ir-rinunzja da parti ta’ l-attur ghad-drittijiet successorji tieghu fuq l-assi ereditarju tal-konvenuta, kif konkordat minnhom fil-paragrafu 4 tal-ftehim precitat;

Tiddeciedi dwar il-kontro talbiet billi:

[1] tilqa’ t-talba [c] limitatament billi, tordna lill-attur ihallas retta alimentarja lill-konvenuta ta’ hmistax il-lira maltin [Lm15] fil-gimgha permezz ta’ cheque mibghut fir-residenza taghha;

[2] tilqa’ t-talba [d] limitatament billi tikkwantifika l-effetti dotali u parafernali dovuti lill-konvenuta mill-attur fl-ammont ta’ sitt elef lira maltin [m6,000], kif konkordat bejn il-partijiet; u tikkundanna lill-attur ihallas din is-somma mis-sehem tieghu tar-rikavat tal-bejgh tad-dar konjugali;

[10] Ir-rikors ghan-nomina gie prezentat fil-11 ta’ Otubru 2005, id-digriet inghata fl-24 ta’ Ottubru 2005, u r-relazzjoni giet mahlufa fis-6 ta’ April 2006

[3] tilqa' it-talbiet [e][f] u [g] u tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti, tillikwida l-istess billi tiddikjara li llum din tikkonsisti biss fid-dar konjgali bl-isem "Mehriez" Sant' Andrea Estate, San Gwann u tordna li fi zmien sena dina tinbigh fuq is-suq hieles bil-prezz ta' mhux anqas minn Lm145,000, kif konkordat bejn il-partijiet, u r-rikavat jinaqsam f' zewg porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet, wara li minnu jitnaqqsu l-ispejjez pendenti ta' manutenzjoni tad-dar [fejn il-kontendenti ghadhom jikkonvivu], u ta' dawl u ilma u tac-cens dovut; u nofs ir-rikavat jigi assenjat lill-attur wara li minn sehmu titnaqqas is-somma precitata ta' sitt elef lira maltin [lm6,000] li ghandha takkrexxi s-sehem tal-konvenuta li ghalhekk ghandu jikkonsisti f' nofs ir-rikavat tal-bejgh [wara t-tnaqqis ta' l-ispejjez] u s-somma ta' Lm6,000 dedotta minn sehem l-attur, u tordna li dan il-porzjoni jigi assenjat lill-konvenuta; inoltre, tordna li, sakemm iz-zewg partijet ma jaqblux mod iehor, it-tnejn kemm huma ghandhom jibqghu jirrisjedu fid-dar konjgali sakemm tinbigh; u fin-nuqqas ta' ftehim in kuntrarju, il-bejgh ta' l-isemmija proprjeta' wara sena jsir bis-subbasta;

[4] tastjeni milli tipprovdi dwar ir-raba [4] talba stante ir-rinunzja da parti tal-konvenuta ghad-drittijiet successorji taghha fuq l-assi ereditarju ta' l-attur, kif konkordat minnhom fil-paragrafu 4 tal-ftehim precitat;

Illi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati kif ser jinghad: l-ispejjez u d-drittijiet ta' l-espert psikjatra u dawk relattivi ghall-kontro talba tal-konvenuta, ghandhom ikunu kollha a kariku tal-konvenuta; filwaqt li l-ispejjez u drittijiet relattivi ghat-talba attrici ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta in kwantu ghal erba parti minn hamsa [4/5] u r-rimanenti kwint [1/5] jibqa' a kariku ta' l-attur.

Illi inoltre din il-Qorti b' applikazzjoni tal-Para.10 Skeda A Kap.12 tordna li l-konvenuta thallas is-somma ta' LM100 spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, stante li kif fuq spjegat, hija, bit-talba ghan-nomina ta' l-espert psikjatra tawlet il-proceduri bla bzonn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------